



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Mejju 2016
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2013/0027 (COD)

5581/1/16
REV 1 ADD 1

TELECOM 7
DATAPROTECT 6
CYBER 4
MI 37
CSC 15
CODEC 84
PARLNAT 154

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar miżuri li jiżguraw livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fis-17 ta' Mejju 2016

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar *miżuri li jiżguraw livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni* (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-Direttiva) fit-12 ta' Frar 2013 bl-Artikolu 114 TFUE bħala bażi legali.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ivvota dwar l-Opinjoni tiegħu fit-22 ta' Mejju 2013 u l-Kumitat tar-Reġjuni vvota dwar l-Opinjoni tiegħu fit-3-4 ta' Lulju 2013.
3. Il-Parlament Ewropew ivvota dwar ir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu fl-ewwel qari fit-13 ta' Marzu 2014¹, fejn adotta 138 emenda.
4. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew daħlu f'negozjati bil-ħsieb li jintlaħaq qbil bikri fit-tieni qari f'Ottubru 2014. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess fis-7 ta' Diċembru 2015 bil-Parlament Ewropew u l-Kunsill jilhqqu qbil proviżorju dwar test ta' kompromess.
5. Fit-18 ta' Diċembru 2015 il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma t-test ta' kompromess tad-Direttiva, kif kien ġie maqbul miż-żewġ istituzzjonijiet.
6. Fit-28 ta' Jannar 2016, il-President tal-Kumitat IMCO tal-Parlament Ewropew, f'ittra indirizzata lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, iddikjarat li, jekk il-Kunsill jibgħat formalment il-pożizzjoni tiegħu lill-Parlament Ewropew kif maqbula, soġġetta għal verifika mill-ġuristi lingwisti, hi tirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament.
7. Fid-29 ta' Frar 2016, il-Kunsill ikkonferma l-qbil politiku tiegħu dwar it-test ta' kompromess tad-Direttiva.

¹ Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2014 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jiżguraw livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni (NIS) madwar l-Unjoni.

II. OBJETTIV

8. Dan joħroġ mill-eżitu tan-negożjati li d-Direttiva tistabbilixxi miżuri bil-ħsieb li jinkiseb livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni fl-Unjoni Ewropea sabiex jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

A. Ġenerali

9. Wara l-votazzjoni fil-plenarja, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill wettqu negożjati bil-ġhan li jikkonkludu qbil fit-tieni qari abbażi ta' pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari li l-Parlament seta' japprova kif kienet. It-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess milħuq bejn il-koleġislaturi.

B. Kwistjonijiet ewlenin

10. L-elementi ewlenin tal-kompromess milħuq mal-Parlament Ewropew huma deskritti hawn taħt:

a. Kapaċitajiet nazzjonali

11. Skont il-kompromess, l-Istati Membri għandhom ċerti obbligi fir-rigward tal-kapaċitajiet nazzjonali tagħhom dwar iċ-ċibersigurtà. L-ewwel nett, l-Istati Membri huma meħtieġa jadottaw strateġija nazzjonali li tiddefinixxi l-oġettivi strateġiċi u l-politika u l-miżuri regolatorji xierqa bil-ħsieb li jinkiseb u jinżamm livell għoli ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni.

12. It-tieni, l-Istati Membri għandhom jinnominaw awtorità nazzjonali waħda jew aktar, kompetenti fis-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni, sabiex jissorveljaw l-applikazzjoni tad-Direttiva fil-livell nazzjonali.
13. It-tielet, l-Istati Membri huma meħtieġa wkoll jinnominaw punt uniku ta' kuntatt nazzjonali għas-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni li jeżerċita funzjoni ta' kollegament biex tiġi żgurata l-kooperazzjoni transfruntiera tal-awtoritajiet tal-Istati Membri u mal-awtoritajiet rilevanti fi Stati Membri oħra u mal-grupp ta' kooperazzjoni u n-netwerk tas-CSIRTs. Il-punt uniku ta' kuntatt ser jippreżenta wkoll lill-Grupp ta' Kooperazzjoni rapport annwali dwar in-notifiki rċevuti.
14. Fl-aħħar nett, l-Istati Membri għandhom jinnominaw Skwadra waħda jew aktar ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters ("CSIRTs") bir-responsabbiltà li jindirizzaw inċidenti u riskji. It-test ta' kompromess jipprevedi r-rekwiżiti u l-kompiti tas-CSIRTs fl-Anness I għalih.

b. *Kooperazzjoni*

15. It-test ta' kompromess jistabbilixxi Grupp ta' Kooperazzjoni sabiex jappoġġa u jiffaċilita l-kooperazzjoni strateġika fost l-Istati Membri, jiżviluppa l-fiduċja u bil-ħsieb li jikseb livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni fl-Unjoni. Il-Grupp ser ikun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni ('ENISA') u ser ikollu kompiti speċifiċi elenkati fit-test, bħall-iskambju tal-aħjar prattiki u informazzjoni dwar għadd ta' kwistjonijiet jew id-diskussjoni dwar il-kapaċitajiet u l-istat ta' tħejjija tal-Istati Membri.

16. Barra minn hekk, il-kompromess jistabbilixxi netwerk ta' CSIRTs nazzjonali sabiex jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-fiduċja fost l-Istati Membri u biex jippromwovi kooperazzjoni operattiva rapida u effikaċi. In-netwerk ser ikun magħmul minn rappreżentanti tas-CSIRTs tal-Istati Membri u tas-CERT-EU u l-Kummissjoni ser tieħu sehem fin-netwerk bħala osservatur. L-ENISA ser tipprovdi s-segretarjat u ser tappoġġa b'mod attiv il-kooperazzjoni fost is-CSIRTs. It-test jipprevedi lista ta' kompiti li għandhom jitwettqu min-netwerk, bħall-iskambju ta' informazzjoni dwar is-servizzi, l-operazzjonijiet u l-kapaċitajiet ta' kooperazzjoni tas-CSIRTs, l-appoġġ lill-Istati Membri fl-indirizzar ta' inċidenti transfruntiera jew, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-iskambju u d-diskussjoni ta' informazzjoni relatata ma' inċidenti u riskji marbuta magħhom.

c. Rekwiżiti ta' sigurtà u ta' notifika

17. Id-Direttiva tistabbilixxi ċerti obbligi għal żewġ settijiet ta' parteċipanti fis-suq: l-operaturi ta' servizzi essenzjali u l-fornituri ta' servizzi diġitali.
18. L-Anness II għad-Direttiva jelenka għadd ta' setturi importanti għas-soċjetà u l-ekonomija, jiġifieri l-enerġija, it-trasport, is-servizzi bankarji, l-infrastrutturi tas-swieq finanzjarji, is-saħħa, il-provvista u d-distribuzzjoni tal-ilma għax-xorb u l-infrastruttura diġitali. L-Istati Membri ser jidentifikaw l-operaturi ta' servizzi essenzjali f'dawn is-setturi, abbażi ta' kriterji preċiżi previsti fid-Direttiva.
19. L-Anness III għad-Direttiva jelenka tliet tipi ta' servizzi diġitali, li l-fornituri tagħhom ser ikollhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva: is-swieq online, il-magni tat-tiftix online u s-servizzi ta' cloud computing. Il-fornituri kollha ta' servizzi diġitali li jipprovdu s-servizzi elenkati, bl-esklużjoni ta' intrapriżi mikro u żgħar, ser ikollhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva.

20. Iż-żewġ settijiet ta' parteċipanti fis-suq ser ikunu meħtieġa jieħdu miżuri organizzattivi u tekniċi biex iżommu taħt kontroll ir-riskji li jkun hemm għas-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni u biex jevitaw u jimminimizzaw l-impatt ta' inċidenti li jaffettwaw is-sigurtà ta' dawk is-sistemi. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jew is-CSIRTs ser ikollhom jiġu nnotifikati bl-inċidenti li jkollhom ċertu livell ta' impatt fuq is-servizzi inkwistjoni. Id-Direttiva tipprevedi kriterji sabiex jiġi determinat il-livell tal-impatt ta' inċidenti bħal dawn.
21. Id-Direttiva tieħu approċċ differenzjat fir-rigward taż-żewġ kategoriji ta' parteċipanti. Ir-rekwiżiti ta' sigurtà u ta' notifika huma eħfef għal fornituri ta' servizzi diġitali milli għal operaturi ta' servizzi essenzjali, li jirrifletti l-grad ta' riskju għas-soċjetà u l-ekonomija li jista' jkollu t-tħarbit tas-servizzi tagħhom. Barra minn hekk, meta jitqies li fornituri ta' servizzi diġitali huma sikwit attivi f'ħafna Stati Membri u sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' armonizzazzjoni, id-Direttiva tipprevjeni l-Istati Membri milli jimponu kwalunkwe rekwiżit ulterjuri ta' sigurtà u ta' notifika fuq dawk il-fornituri.
22. It-test ta' kompromess jipprevedi wkoll li entitajiet li ma jkunux ġew identifikati bħala operaturi ta' servizzi essenzjali u li mhumiex fornituri ta' servizzi diġitali jistgħu jinnotifikaw ċerti inċidenti fuq bażi volontarja.

d. *Traspożizzjoni*

23. L-Istati Membri ser ikunu meħtieġa jittrasponu d-Direttiva fi żmien 21 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha u ser ikollhom 6 xhur addizzjonali biex jidentifikaw l-operaturi tagħhom ta' servizzi essenzjali.

IV. KONKLUŻJONI

24. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess milħuq fin-negozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, bil-qbil tal-Kummissjoni. Il-kompromess hu kkonfermat bl-ittra li l-President tal-Kumitat IMCO indirizzat lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-28 ta' Jannar 2016.
-